Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1024/2003

**Anna Vassallo u Irene Scerri**
**vs**

**Brenda Cassano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm361.71) jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal, rapprezentanti in kwantu ghal disghin lira Maltija (Lm90.00) bhala arretrati ta' kera gravanti l-fond Chelsea Flats, Flat 3, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, liema fond kien mikri lill-konvenuta, kif ukoll mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm221.71) bhala arretrati ta' dawl u ilma gravanti l-istess fond, liema ammonti huma dovuti ghal perjodu li l-fond kien mikri lill-konvenuta, u in kwantu ghal hamsin lira Maltija (Lm50.00)**

**rapprezentanti spejjez ta' tibjid li sar fil-fond in kwistjoni mill-atturi.**

**Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittri interpellatorji datati 17 ta' Marzu, 2003, u 26 ta' Marzu, 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Irene Scerri li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut kif imsemmi fl-avviz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm361.71) bl-imghax legali mill-31 ta' Mejju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati 17 ta' Marzu, 2003, u 26 ta' Marzu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------